

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 301/2013

tas-27 ta' Marzu 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward Titjib Annwali fl-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju, Ċiklu 2009-2011

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

Billi:

(1) L-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008⁽²⁾ ġew adottati ċerti standards u interpretazzjonijiet internazzjonali li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 1 *Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(2) Fis-17 ta' Mejju 2012, il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) ippubblika Titjib Annwali fl-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju, Ċiklu 2009-2011 (it-titjib), fil-qafas tal-proċess ta' titjib regolari tiegħu li għandu l-għan li jirrazzjonalizza u jiċċara l-standards. L-għan tat-titjib huwa li jiġi indirizzati kwistjonijiet mhux urġenti, iżda neċessarji, diskussi mill-IASB waqt iċ-ċiklu tal-proġett li beda fl-2009 f'oqsma ta' inkonsistenza fl-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRSs) jew fejn kienet meħtieġa kjarifika tat-test. Tliet elementi ta' titjib, jiġifieri l-emendi għall-Appendiċi D tal-IFRS 1, l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 16, u IAS 34, huma kjarifiki jew korrezzjonijiet tal-standards rispettivi. It-tliet elementi l-oħra ta' titjib, jiġifieri l-emendi għall-IFRS 1, IAS 1, u IAS 32, jikkonċernaw tibdiliet għar-rekwiżiti eżistenti jew gwida addizzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti.

(3) L-IFRS 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju* u l-IAS 34 *Rapportar Finanzjarju Interim* huma emendati skont l-IAS 1 kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(4) L-IAS 16 *Proprietà, Impjant u Tagħmir* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp Tekniku ta' Esperti (TEG) tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar ir-Rapportar Finanzjarju (EFRAG) tikkonferma li t-titjib jissodisfa l-kriterji tekniċi għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(5) L-IAS 32 *Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(6) L-Interpretazzjoni 2 tal-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRIC) *Ishma tal-Membri f'Entitajiet Kooperativi u Strumenti Simili* hija emendata skont l-IAS 32 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(7) L-IAS 34 *Rapportar Finanzjarju Interim* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju tal-Kontabbiltà,

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABBILTÀ

IFRS 1	L-IFRS 1 <i>Adozzjoni għall-Ewwel Darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju</i>
IAS 1	IAS 1 <i>Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji</i>
IAS 16	IAS 16 <i>Proprietà, Impjant u Tagħmir</i>
IAS 32	IAS 32 <i>Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni</i>
IAS 34	IAS 34 <i>Rapportar Finanzjarju Interim</i>

Emendi għall-IFRS 1 Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju

Il-paragrafi 4A – 4B, 23A u 23B – 39P huma miżjuda.

AMBITU

- 4A Minkejja r-rekwiżiti fil-paragrafi 2 u 3, entità li tkun applikat l-IFRSs f'perjodu ta' rappurtar preċedenti, iżda li r-rapporti finanzjarji annwali preċedenti l-aktar reċenti tagħha ma kienx fihom dikjarazzjoni espliċita u mingħajr ebda riserva ta' konformità mal-IFRSs, għandha jwarrappurtar l-IFRSs jekk applikazzjoni retrospettiva skont l-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi u Żbalji* daqs li kieku l-entità qatt ma waqfet applikka l-IFRSs.
- 4B Meta entità ma tagħzix li tapplika dan l-IFRS skont il-paragrafu 4A, l-entità għandha madankollu tapplika r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni fil-paragrafi 23A – 23B tal-IFRS 1, minbarra r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni fl-IAS 8.

PREŻENTAZZJONI U DIVULGAZZJONI

Spjegazzjoni tat-tranżizzjoni għall-IFRSs

- 23A Entità li applikat l-IFRSs f'perjodu preċedenti, kif deskritt fil-paragrafu 4A, għandha tiddivulga:
- (a) ir-raġuni li għaliha waqfet applikka l-IFRSs; kif ukoll
 - (b) ir-raġuni għalfejn qed terġa' tapplika l-IFRSs
- 23B Meta entità, skont il-paragrafu 4A, ma tagħzix li tapplika l-IFRS 1, l-entità għandha tispjega r-raġunijiet għall-għażla li tapplika l-IFRSs bħallikieku qatt ma waqfet applikka l-IFRSs.

DATA EFFETTIVA

- 39P Iċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009 – 2011, maħruġ f'Mejju 2012, żied il-paragrafi 4A – 4B u 23A u 23B. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont l-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk entità tapplika dik l-emenda għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiddivulga dak il-fatt.

Emenda fl-Appendiċi D tal-IFRS 1 Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju

Il-paragrafu D23 huwa emendat u l-paragrafu 39Q huwa miżjud.

Kosti tas-self

- D23 Min jadottahom għall-ewwel darba jista' jagħżel li japplika r-rekwiżiti tal-IAS 23 mid-data tat-tranżizzjoni jew minn data aktar kmieni kif permess mill-paragrafu 28 tal-IAS 23. Mid-data li fiha entità li tapplika din l-eżenzjoni tidda tapplika l-IAS 23, l-entità:
- (a) ma għandhiex terġa' tirrapporta l-komponent tal-kost tas-self li kien kapitalizzat skont il-GAAP preċedenti u li ġie inkluż fl-ammont riportat fil-kotba ta' assi f'dik id-data; kif ukoll
 - (b) għandha tikkontabilizza l-kosti tas-self imġarrba f'dik id-data jew wara skont l-IAS 23, inklużi dawk il-kosti tas-self imġarrba f'dik id-data jew wara fuq assi li diġà jikkwalifikaw taħt kostruzzjoni.

DATA EFFETTIVA

- 39Q Iċ-Ċiklu tat-Titjib Annwali 2009 – 2011, maħruġ f'Mejju 2012, emenda l-paragrafu D23. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont l-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk entità tapplika dik l-emenda għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiddivulga dak il-fatt.

Emenda għall-IAS 1 Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji

Il-paragrafi 10, 38 u 41 huma emendati. Il-paragrafi 39 u 40 huma mħassra. Il-paragrafi 38A–38D, 40A–40D u 139L huma miżjuda (għalkemm il-kontenut fil-paragrafi 38A u 38B huwa bbażat fuq il-paragrafi 39 u 40 preċedenti li issa ġew imħassra) kif ukoll l-intestaturi qabel il-paragrafi 38, 38C u 40A.

Sett komplet ta' rapporti finanzjarji

- 10 Sett komplet ta' rapporti finanzjarji jkun fih:
- (a) rapport tal-pożizzjoni finanzjarja fit-tmiem tal-perjodu;
 - (b) rapport tal-profit u t-telf (rapport tal-introjtu) u introjtu komprensiv ieħor għall-perjodu;
 - (c) rapport tat-tibdil fl-ekwiwità għall-perjodu;

- (d) rapport tal-flussi ta' flus għall-perjodu;
- (e) noti, li fihom sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni;
- (ea) informazzjoni komparattiva fir-rigward tal-perjodu preċedenti kif speċifikat fil-paragrafi 38 u 38A; kif ukoll
- (f) rapport tal-pożizzjoni finanzjarja fil-bidu tal-perjodu preċedenti li fih entità tapplika xi politika tal-kontabilità b'mod retrospettiv, jew tirrapporta mill-ġdid xi entrati fir-rapporti finanzjarji tagħha b'mod retrospettiv, jew meta tirriklassifika entrati fir-rapporti finanzjarji tagħha f'konformità mal-paragrafi 40A-40D.

Entità tista' tuża titli għar-rapporti differenti minn dawk li jintużaw f'dan l-Istandard. Pereżempju, entità tista' tuża t-titlu "rapport tad-dħul komprensiv" minflok "rapport tal-profit u t-telf u introjtu komprensiv ieħor".

Informazzjoni komparattiva

Informazzjoni komparattiva minima

- 38 **Ħlief meta l-IFRSs jippermettu jew jeħtieġu mod ieħor, entità għandha tippreżenta informazzjoni komparattiva fir-rigward tal-perjodu ta' qabel għall-ammonti kollha rrapportati fir-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Entità għandha tinkludi informazzjoni komparattiva għall-informazzjoni narrattiva u deskrittiva meta din tkun rilevanti għall-fehim tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali.**
- 38A **Entità għandha tippreżenta, bħala minimu, żewġ rapporti tal-pożizzjoni finanzjarja, żewġ rapporti tal-profit jew telf u introjtu kumplessiv ieħor, żewġ rapporti separati tal-profit jew it-telf (jekk ippreżentati), żewġ rapporti tal-flussi tal-flus u żewġ rapporti tal-bidliet fl-ekwità u noti relatati.**
- 38B F'ċerti każijiet, l-informazzjoni narrattiva pprovduta fir-rapporti finanzjarji għall-perjodu/i preċedenti tibqa' rilevanti fil-perjodu attwali. Pereżempju, entità tiddivulga fil-perjodu attwali d-dettalji ta' tilwima ġuridika, li r-riżultat tagħha kien inċert fi tmiem il-perjodu preċedenti u li għadha trid tiġi riżolta. L-utenti jistgħu jibbenefikaw mid-divulgazzjoni ta' informazzjoni li l-inċertezza kienet teżisti fi tmiem il-perjodu preċedenti u mid-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar il-passi li ttehdut matul dak il-perjodu biex tiġi riżolta dik l-inċertezza.

Informazzjoni komparattiva addizzjonali

- 38C Entità tista' tippreżenta informazzjoni komparattiva minbarra r-rapporti finanzjarji komparattivi minimi meħtieġa mill-IFRSs, sakemm dik l-informazzjoni tkun imħejjija skont l-IFRSs. Din l-informazzjoni komparattiva tista' tikkonsisti f'tip wieħed jew aktar ta' rapporti msemmija fil-paragrafu 10, iżda ma għandhiex għalfejn tinkludi sett komplet ta' rapporti finanzjarji. Meta dan ikun il-każ, l-entità għandha tippreżenta informazzjoni relatata f'nota għal dawk ir-rapporti addizzjonali.
- 38D Pereżempju, entità tista' tippreżenta t-tielet rapport tal-profit jew telf u introjtu kumplessiv ieħor (u għaldaqstant tippreżenta l-perjodu attwali, il-perjodu preċedenti u mill-perjodu komparattivi addizzjonali wieħed). Madankollu, l-entità mhix meħtieġa tippreżenta t-tielet rapport tal-pożizzjoni finanzjarja, it-tielet rapport tal-flussi tal-flus jew it-tielet rapport tal-bidliet fl-ekwità (jiġifieri rapport finanzjarju komparattiv addizzjonali). L-entità hi meħtieġa tippreżenta, fin-noti għar-rapporti finanzjarji, l-informazzjoni komparattiva relatata mar-rapport addizzjonali tal-profit jew it-telf u introjtu kumplessiv ieħor.

39 [Imħassra]

40 [Imħassra]

Bidla fil-politika tal-kontabilità, rapporti mill-ġdid retrospettivi jew riklassifikazzjoni

- 40A **Entità għandha tippreżenta tielet rapport tal-pożizzjoni finanzjarja fil-bidu tal-perjodu preċedenti minbarra r-rapporti finanzjarji komparattivi minimi meħtieġa fil-paragrafu 38A jekk:**
 - (a) **tapplika politika tal-kontabilità b'mod retrospettiv, tagħmel rapporti mill-ġdid retrospettivi tal-entrati fir-rapporti finanzjarji tagħha jew tikklassifika mill-ġdid entrati fir-rapporti finanzjarji tagħha; kif ukoll**
 - (b) **l-applikazzjoni retrospettiva, rapporti mill-ġdid retrospettivi jew ir-riklassifikazzjoni għandha effett materjali fuq l-informazzjoni fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja fil-bidu tal-perjodu preċedenti.**
- 40B Fiċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 40A, entità għandha tippreżenta tliet rapporti tal-pożizzjoni finanzjarja:
 - (a) fit-tmiem tal-perjodu attwali,
 - (b) fit-tmiem tal-perjodu preċedenti; kif ukoll
 - (c) fil-bidu tal-perjodu preċedenti.
- 40C Meta entità hija meħtieġa tippreżenta rapport addizzjonali tal-pożizzjoni finanzjarja skont il-paragrafu 40A, trid tiddivulga l-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafi 41-44 u l-IAS 8. Madankollu, ma għandhiex għalfejn tippreżenta n-noti relatati mar-rapport tal-ftuħ tal-pożizzjoni finanzjarja fil-bidu tal-perjodu preċedenti.

40D Id-data ta' dak ir-rapport tal-ftuħ tal-pożizzjoni finanzjarja għandha tkun fil-bidu tal-perjodu preċedenti irrispettivament minn jekk ir-rapporti finanzjarji ta' entità jippreżentawx informazzjoni komparattiva għal perjodi preċedenti (kif permess fil-paragrafu 38C).

41 Jekk entità tiddel il-preżentazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-entrati fir-rapporti finanzjarji tagħha, hi għandha tirriklassifika ammonti komparattivi, sakemm ir-riklassifikazzjoni ma tkunx prattikabbli. Meta entità tirriklassifika ammonti komparattivi, għandha tiddivulga (inkluż fil-bidu tal-perjodu preċedenti):

(a) **in-natura tar-riklassifikazzjoni;**

(b) **l-ammont ta' kull entrata jew klassi ta' entrati li huma rriklassifikati; kif ukoll**

(c) **ir-raġuni għar-riklassifikazzjoni.**

TRANŻIZZJONI U DATA EFFETTIVA

139L *Iċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009 – 2011*, maħruġ f'Mejju 2012, emenda l-paragrafi 10, 38 u 41, ħassar il-paragrafi 39 – 40 u żied il-paragrafi 38A – 38D u 40A – 40D. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont l-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk entità tapplika dik l-emenda għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiddivulga dak il-fatt.

Emendi konsegwenzjali għal standards oħra li jirriżultaw minn l-emenda għall-IAS 1

L-emendi segwenti għall-IFRSs oħra huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-IAS 1 rivedut.

Emendi għall-IFRS 1 Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju

Il-paragrafu 21 huwa emendat u jiżdied il-paragrafu 39R.

PREŻENTAZZJONI U DIVULGAZZJONI

Informazzjoni komparattiva

21 L-ewwel rapporti finanzjarji ta' entità mħejjija skont l-IFRS għandhom jinkludu mill-inqas tliet rapporti dwar il-pożizzjoni finanzjarja, żewġ rapporti tal-profit jew it-telf u introjtu komprensiv ieħor, żewġ rapporti separati tal-profit jew telf (jekk ippreżentati), żewġ rapporti tal-flussi ta' flus u żewġ rapporti tal-bidliet fl-ekwità u noti relatati, inkluża informazzjoni komparattiva tar-rapporti kollha ppreżentati.

DATA EFFETTIVA

39R *Iċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009 – 2011*, maħruġ f'Mejju 2012, emenda l-paragrafu 21. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont l-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk entità tapplika dik l-emenda għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiddivulga dak il-fatt.

Emendi għal IAS 34 Rappurtar Finanzjarju Interim

Il-paragrafu 5 huwa emendat u jiżdied il-paragrafu 52.

KONTENUT TA' RAPPORT FINANZJARJU INTERIM

5 L-IAS 1 jiddefinixxi sett komplut ta' rapporti finanzjarji li jinkludi l-komponenti li ġejjin:

(a) rapport tal-pożizzjoni finanzjarja fit-tmiem tal-perjodu;

(b) rapport tal-profit jew it-telf u introjtu komprensiv ieħor għall-perjodu;

(c) rapport tat-tibdil fl-ekwità għall-perjodu;

(d) rapport tal-flussi ta' flus għall-perjodu;

(e) noti, li fihom sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni;

(ea) informazzjoni komparattiva fir-rigward tal-perjodu preċedenti kif speċifikat fil-paragrafi 38 u 38A tal-IAS 1; kif ukoll

(f) rapport tal-pożizzjoni finanzjarja fil-bidu tal-perjodu preċedenti li fih entità tapplika xi politika tal-kontabilità b'mod retrospettiv, jew tirrapporta mill-ġdid b'mod retrospettiv xi entrati fir-rapporti finanzjarji tagħha, jew meta tirriklassifika entrati fir-rapporti finanzjarji tagħha f'konformità mal-paragrafi 40A-40D tal-IAS 1.

Entità tista' tuża titoli għar-rapporti differenti minn dawk li jintużaw f'dan l-Istandard. Pereżempju, entità tista' tuża t-titlu 'rapport tal-introjtu komprensiv' minflok 'rapport tal-profit jew telf u introjtu komprensiv ieħor'.

DATA EFFETTIVA

- 52 *Iċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009 – 2011*, maħruġ f'Mejju 2012, emenda l-paragrafu 5 bħala emenda konsegwenzjali derivata mill-emenda għall-IAS 1 *Preżentazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji*. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont l-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk entità tapplika dik l-emenda għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiddivulga dak il-fatt.

L-emenda għall-IAS 16 Proprietà, Impjanti u Tagħmir

Il-paragrafu 8 huwa emendat u jiżdied il-paragrafu 81G.

RIKONOXXIMENT

- 8 Oġġetti bħal spare parts, tagħmir stand-by u t-tagħmir tal-manutenzjoni, huma rikonoxxuti skont dan l-IFRS meta dawn jissodisfaw id-definizzjoni ta' proprjetà, impjant u tagħmir. Inkella, dawn l-oġġetti huma kklassifikati bħala inventarju.

DATA EFFETTIVA

- 81G *Iċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009 – 2011*, maħruġ f'Mejju 2012, emenda l-paragrafu 8. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont l-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk entità tapplika dik l-emenda għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiddivulga dak il-fatt.

Emenda għall-IAS 32 Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni

Il-paragrafi 35, 37 u 39 huma emendati u jiżdiedu l-paragrafi 35A u 97M.

PREŻENTAZZJONI

**Imgħax, dividendi, telf u qligħ
(ara wkoll il-paragrafu AG37)**

- 35 **Imgħax, dividendi, telf u qligħ li huma relatati ma' strument finanzjarju jew komponent li hu obligazzjoni finanzjarja għandhom jiġu rikonoxxuti bħala introjtu jew kost fir-rapport tal-profit jew it-telf. Distribuzzjonijiet lid-detenturi ta' strumenti azzjonarji għandhom ikunu rikonoxxuti mill-entità direttament f'ekwità. Kostji tat-tranżazzjonijiet ta' tranżazzjoni ta' ekwità għandhom jiġu kontabilizzati bħala tnaqqis fl-ekwità.**
- 35A Taxxa fuq l-introjtu relatata mad-distribuzzjonijiet lid-detenturi ta' strument azzjonarju u għal kosti tat-tranżazzjoni ta' tranżazzjoni ta' ekwità għandhom jiġu kontabilizzati skont l-IAS 12 *Taxxi fuq id-Dħul*.
- 37 Entità tipikament iġġarrab kosti varji fil-ħruġ jew fl-akkwist tal-istrumenti azzjonarji tagħha stess. Dawk il-kosti jistgħu jinkludu spejjeż ta' reġistrazzjoni u tariffi regolatorji oħrajn, ammonti mħallsa lil konsulenti legali, kontabilisti u professjonisti oħrajn, kosti tal-istampar u taxxi tal-bolla. Il-kosti tat-tranżazzjonijiet ta' tranżazzjoni ta' ekwità huma kontabilizzati bħala tnaqqis mill-ekwità sal-punt li huma kosti inkrementali direttament attribwibbli għat-tranżazzjoni ta' ekwità li, li kieku ma kinux, kienu jiġu evitati. Il-kosti ta' tranżazzjoni ta' ekwità li hi abbandunata huma rikonoxxuti bħala spiża.
- 39 L-ammont tal-kosti ta' tranżazzjoni kontabilizzati bħala tnaqqis mill-ekwità fil-perjodu għandu jiġi divulgat separatament f'konformità mal-IAS 1.

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

- 97M *Iċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009 – 2011*, maħruġ f'Mejju 2012, emenda l-paragrafi 35, 37 u 39 u żied il-paragrafu 35A. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont l-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk entità tapplika dik l-emenda għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiddivulga dak il-fatt.

Emendi konsegwenzjali għal standards oħra li jirriżultaw minn l-emenda għall-IAS 32

L-emendi segwenti għall-IFRSs oħra huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-IAS 32 rivedut.

L-emenda li l-IFRIC 2 *Ishma tal-Membri f'Entitajiet Kooperattivi u Strumenti Simili*

Il-paragrafu 11 huwa emendat u jiżdied il-paragrafu 17.

KUNSENS

- 11 Kif meħtieġ mill-paragrafu 35 tal-IAS 32, id-distribuzzjonijiet lid-detenturi ta' strumenti azzjonarji huma rikonoxxuti direttament f'ekwità. Imgħax, dividendi u redditi oħrajn marbuta ma' strumenti finanzjarji kklassifikati bħala obligazzjonijiet finanzjarji huma spejjeż, irrispettivament minn jekk daww ammonti mħallsa humiex legalment ikkaratterizzati bħala dividendi, imgħax jew xi ħaġa oħra.

DATA EFFETTIVA

- 17 *Iċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009 – 2011*, maħruġ f'Mejju 2012, emenda l-paragrafu 11. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont I-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Jekk entità tapplika dik l-emenda għall-IAS 32 bħala parti miċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009-2011 (maħruġ f'Mejju 2012) għal perjodu aktar bikri, l-emenda fil-paragrafu 11, għandha tkun applikata għal dak il-perjodu iktar bikri.

Emendi għal IAS 34 *Rappurtar Finanzjarju Interim*

Il-paragrafu 16A huwa emendat u jizzied il-paragrafu 53.

KONTENUT TA' RAPPORT FINANZJARJU INTERIM

Divulgazzjonijiet oħra

- 16A** Minbarra li tiddivulga avvenimenti u tranżazzjonijiet sinifikanti skont il-paragrafi 15–15C, entità għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja, fin-noti għar-rapporti finanzjarji interim tagħha, jekk ma tkunx iddivulgata x'imkien ieħor fir-rapport finanzjarju interim. Normalment din l-informazzjoni għandha tkun irrapportata fuq bażi ta' dik is-sena finanzjarja sal-jum attwali.

(a) ...

- (g) l-informazzjoni segmentali li ġejja (id-divulgazzjoni ta' informazzjoni segmentali hija meħtieġa fir-rapport finanzjarju interim ta' entità fil-każ biss li l-IFRS 8 *Segmenti Operattivi* jitlob lil dik l-entità sabiex tiddivulga informazzjoni segmentali fid-rapporti finanzjarji annwali tagħha):

(i) ...

- (iv) kalkolu tal-assi u l-obbligazzjonijiet totali għal segment rapportabbli partikolari jekk tali ammonti jkun pprovduti regolarment lill-kap li jiddeċiedi fl-operat u jekk kien hemm bidla materjali mill-ammont divulgat fl-aħħar rapporti finanzjarji annwali għal dak is-segment rapportabbli.

(v) ...

(h) ...

DATA EFFETTIVA

- 53 *Iċ-Ċiklu Annwali tat-Titjib 2009 – 2011*, maħruġ f'Mejju 2012, emenda l-paragrafu 16A. Entità għandha tapplika dik l-emenda b'mod retrospettiv skont I-IAS 8 *Politiki tal-Kontabilità, Bidliet fl-Istimi tal-Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk entità tapplika dik l-emenda għal perjodu aktar bikri, hija għandha tiddivulga dak il-fatt.